

- (3) It-tielet motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali, peress li r-Regolament Nru 1239/2011 u r-regolamenti ta' implementazzjoni tiegħu ħolqu sistema li fiha dd-dazji doganali ma humiex prevedibbli u ffissati peremzz ta' kriterji koerenti u oġġettivi, iżda huma stabbiliti bil-volontà suġġettiva ta' ħlas, mingħajr rabta mal-prodotti importati.
- (4) Ir-raba' motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, sa fejn il-konvenuta setgħet faċiilment tadotta miżuri inqas restrittivi, li ma kinux jittieħdu eskużiżivament għad-dannu tar-raffineriji importaturi.
- (5) Il-ħames motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-aspettattivi leġġitimi, peress li l-konvenuta ma osservatx l-aspettattivi leġġitimi tar-rirkorrenti li jiġu kkunsidrat b'mod ekwilibrat, xieraq u mhux diskriminatorju.
- (6) Is-sitt motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipji ta' diliġenza u ta' amministrazzjoni tajba, peress li l-konvenuta kienet mill-bidu naqset totalment milli taġixxi, minkejja t-twissijiet repetuti relatati mat-taqlib fis-suq, sussegwentement adottat miżuri manifestament mhux xierqa sabbiekk tiġġieled kontra dan it-taqlib u, meta għamlet dan, kisret l-ekwilibriju li l-Kunsill kien stabbilixxa bejn il-prodotturi interni u r-raffineriji importaturi.

Għall-annullament tar-Regolament Nru 57/2012, ir-rirkorrenti jinvokaw biss l-ewwel, ir-raba' u s-sitt motivi.

Sussidjarjament, ir-rirkorrenti jinvokaw il-miżuri iktar 'il fuq kontra r-Regolament Nru 1239/2011 u r-Regolament Nru 1308/2011, insostenn tal-illegalità ta' dawn ir-regolamenti, skont l-Artikolu 277 TFUE. Fl-eventwalitā li l-Qorti Ġenerali tiċħad dawn il-motivi ta' annullament, il-partijiet jinvokaw ukoll l-illegalità, skont l-Artikolu 277 TFUE, tal-Artikolu 186(a) u tal-Artikolu 187 tar-Regolament Nru 1234/2007, li jikkostitwixx l-bażi legali tar-regolamenti kkontestati, u jitkolbu l-annullament ta' dawn id-dispożizzjonijiet, kif ukoll tar-regolamenti kkontestati.

⁽¹⁾ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007, tat-22 ta' Ottubru 2007, li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet spċifici għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) (ĠU L 299, p. 1).

Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' Marzu 2012 — Atlantean vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-125/08) ⁽¹⁾

(2012/C 151/56)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Il-President tal-Humes Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

⁽¹⁾ ĠU C 116, 09.05.2008.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' Marzu 2012 — Atlantean vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-368/08) ⁽¹⁾

(2012/C 151/57)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Il-President tal-Humes Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

⁽¹⁾ ĠU C 301, 22.11.2008.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-26 ta' Marzu 2012 — PhysioNova vs UASI — Flex Equipos de Descanso (FLEX)

(Kawża T-501/09) ⁽¹⁾

(2012/C 151/58)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Il-President tat-Tielet Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

⁽¹⁾ ĠU C 37, 13.02.2010.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Marzu 2012 — X Technology Swiss vs UASI — Brawn (X-Undergear)

(Kawża T-581/10) ⁽¹⁾

(2012/C 151/59)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Il-President tas-Sitt Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

⁽¹⁾ ĠU C 63, 26.02.2011.